**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 27 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 555/01 AE**

**Joseph Borg Grech**

**vs**

**Charles Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut talba li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u tmienja u disghajn lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm1,198.84), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta' Lulju 2000 bejn vettura tal-marka Escort bin-numru BAV 516 (misjuqa mill-attur) u trukk bin-numru IAS 814 (misjuq mill-konvenut), liema incident sehh f'Marsa By Pass, Marsa.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 8) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fis-26 ta' Lulju 2000 bejn il-vettura tal-marka Escort bin-numru ta' registrazzjoni BAV 516 misjuqa mill-attur, u t-trukk bin-numru IAS 814 misjuq mill-konvenut.

2. L-attur xehed li minn Triq Dicembru Tlettax, Marsa (sejjer fid-direzzjoni tal-Belt), qabad it-telgha *"fuq ix-xellug li taghti ghall-Hamrun By Pass u tibqa' sejra lejn H'Attard"*. Il-vettura tieghu kienet fil-karreggjata ta' gewwa quddiem it-trukk misjuq mill-konvenut, filwaqt li t-trukk kien jinsab fil-karreggjata ta' barra. Kif wasal lejn l-ahhar tat-telgha l-karrozza tieghu giet milquta mit-trukk fuq il-mudguard ta' wara.

3. Il-konvenut ta verzjoni differenti minn dik li ta l-attur. Huwa xehed li l-attur ipprova jaghmel manuvra ta' sorpass minn fuq in-naha tax-xellug tieghu, u peress li ma kienx hemm bizzejjed spazju minn fejn tghaddi l-vettura tal-attur sehh l-incident tat-traffiku. Xehed ukoll

hu l-konvenut (Richard Azzopardi), li kkonferma wkoll li l-attur kien qieghed jipprova jaghmel manuvra ta' surpass minn fuq in-naha tax-xellug. Dawn ix-xhieda ma qablu in kwantu l-konvenut xehed li t-trukk kien ghaddej mill-karreggjata ta' gewwa, filwaqt li Richard Azzopardi xehed li *"t-truck kien qieghed jinstaq fuq il-lane ta' barra"*.

4. Id-diffikulta li tipprezenta din il-kawza hi wahda ta' fatti. It-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet ta' kif sehh l-incident li huma dijametrikament opposti ghal xulxin. L-unici cirkostanzi li fuqhom jaqblu l-kontendenti, huma fejn u meta sehh l-incident, u l-vetturi rispettivi li kienu qeghdin isuqu dakinhar ta' l-incident. It-Tribunal huwa ghalhekk fid-dover li jqies il-piz tal-provi migjuba quddiemu, ferm dejjem il-principju li min jallega jrid jipprova, in kwantu l-prova *'incubit ei qui dicit non ei qui negat'*. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet E. **Zammit vs E. Petrococchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Frar 1952: *"Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"*.

5. Sfortunatament ir-rapport li gie redatt mill-ufficjali tal-pulizija li nvestiga l-kaz (Philip Cortis) m'huwiex wisq ta' ghajnuna. Fil-verzjoni moghtija mill-konvenut (fol. 25) ma jissemmix dak li

xehed quddiem it-Tribunal. Kull ma jinghad huwa: *"ix-xufier tat-trukk numru IAS 814 qal li kien gej min Marsa fit-triq il-Marsa Bypass ghal Qormi fil-pront sema' habta ta' karozza li spiccat quddiemu"*. L-istess jinghad ghal verzjoni moghtija mill-attur, in kwantu mkien ma jissemma li l-vettura tieghu kienet quddiem it-trukk u li giet milquta minn wara.

6. It-Tribunal kellu l-opportunita li qabel ma jghaddi ghas-sentenza, jaccedi fil-post ta' l-incident u jara l-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident. Huwa minnu li t-telgha in kwistjoni fiha zewg karreggjati. Huwa minnu wkoll li lejn l-ahhar tat-telgha t-triq tidjiq ghal karreggjata wahda u fuq ix-xellug hemm zebgha bajda ma' l-art minn fejn il-vetturi m'ghandhomx ighaddu. F'din il-parti tat-triq, l-ispazju li hemm bejn il-hajt li hemm fuq ix-xellug u l-karreggjata huwa limitat hafna u zgur ma jippermettix li vettura u bowser ighaddu ma' gemb xulxin.

7. It-Tribunal ikkusidra wkoll il-hsara li saret fil-vettura tal-attur u fil-bowser li kien qieghed isuq il-konvenut. Mir-rapport li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta li l-hsara fl-Escort kienet estensiva u tikkonsisti *"front to rear right side rear left mudguard bumper"* (fol. 25). Dan huwa wkoll ikkonfermat mir-ritratti li hemm ezebiti fl-atti (fol. 30-33) u l-iskizz a fol. 27 tal-process. Li huwa zgur hu li l-impatt kien wiehed vjolenti.

8. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex verosimili. Fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident hemm karreggjata wahda biss. Li kieku verament l-attur ipprova jaghmel manuvra ta' sorpass minn fuq ix-xellug (kif jallega l-konvenut), il-hsara fuq in-naha tax-xellug tal-vettura Escort kienet tkun hafna iktar estensiva u mhux limitata ghal *mudguard* ta' wara. Taht dawk ic-cirkostanzi wiehed kien jistenna li l-hsara tibda minn quddiem, dejjem mehud in konsiderazzjoni l-ispazju ferm limitat li hemm bejn il-hajt (fuq in-naha tax-xellug) u l-karreggjata li suppost kien ghaddej minnha l-bowser misjuq mill-konvenut. Richard Azzopardi xehed: *"Kif tasal fuq il-parti ta' fuq ta' din it-triq, it-triq tidjieq u tigi lane wahda. Jiena smajt hoss. Kif harist fuq in-naha tax-xellug rajt karrozza tinqala' min mal-hajt u tidhol taht id-double wheel tal-bowser. Niftakar li hija applika l-brakes. Kif applika l-brakes l-Escort inqalghet minn taht id-double wheel u giet fil-faccata tat-truck"*. Min-naha tieghu l-konvenut xehed: *"**<u>Il-karrozza Escort spiccat bejn ir-rota ta' quddiem u dik ta' wara tat-truck u din tkaxkret ghal certu distanza</u>**…… Il-vettura Escort meta kienet qieghda bejn ir-rota ta' quddiem u r-rota ta' wara tat-truck kienet tinsab fuq in-naha tax-xellug tat-truck. Irrid nghid illi kif jiena ghafast il-brake din il-vettura – jigifieri l-Escort – inqalghet minn posta u daret mal-bumper tat-truck"*. It-Tribunal ma jarax kif inhu possibbli li f'dan l-ispazju hekk ristrett il-vettura Escort inqalghet minn taht il-bowser u giet faccata tieghu. Dan meta skond Richard Azzopardi l-vettura ta' l-attur kienet dahlet *"taht id-double-wheel tal-bowser"*. F'kull kaz, kif diga' nghad kieku dan verament sehh il-hsara fuq in-naha tax-xellug tal-vettura kien ikun estensiv meta wiehed iqies

l-ispazju hekk ristrett minn fejn allegatament ghaddiet il-vettura ta' l-attur. Wiehed irid ukoll izomm quddiem ghajnejh li l-vettura ta' l-attur m'hjiex zghira fid-daqs. It-Tribunal jifhem ukoll li b'din it-tip ta' deskrizzjoni ta' kif graw l-affarijiet xi tip ta' hsara kienet ser issir fuq il-bowser. Minn dan kollu ma jirrizulta xejn (ara rapport ta' l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz a fol. 25 tal-process).

9. Mill-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jemmen illi l-verzjoni moghtija mill-attur hija aktar kredibbli, u ghalhekk jikkonkludi li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni.

10. Fir-rigward tad-ammont ta' danni li qieghed jirreklama l-attur, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2001 il-konvenut iddikjara li ma kienx qieghed jikkontesta l-ammont.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elf mija u tmienja u disghajn lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm1,198.84), danni sofferti mill-attur f'incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta' Lulju 2000 u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**